# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE"

*[COM(2017) 358 final]*

(2018/C 081/18)

Relatur: **Stefano PALMIERI**

Korelatur: **Petr ZAHRADNÍK**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 4.8.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa |
| Sezzjoni responsabbli | Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-sezzjoni | 5.10.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 19.10.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 529 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 138/8/14 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

***Preambolu***

*Din l-opinjoni tagħmel parti minn pakkett usa' ta' erba' opinjonijiet tal-KESE dwar il-futur tal-ekonomija Ewropea (Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Politika ekonomika taż-żona tal-euro, Unjoni tas-Swieq Kapitali u L-futur tal-finanzi tal-UE)* [1]*. Il-pakkett jasal fil-kuntest tal-proċess tal-White Paper dwar il-ġejjieni tal-Ewropa mniedi reċentement mill-Kummissjoni Ewropea u jqis id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2017 tal-President Juncker. F'konformità mar-riżoluzzjoni tal-KESE dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa* [2] *u opinjonijiet preċedenti dwar l-ikkompletar tal-UEM* [3]*, dan il-pakkett ta' opinjonijiet jenfasizza l-ħtieġa għal sens ta' skop komuni fil-governanza tal-Unjoni, li jmur ferm lil hinn minn approċċi u miżuri tekniċi, u li huwa l-ewwel u qabel kollox kwistjoni ta' rieda politika u perspettiva komuni.*

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jqis li filwaqt li l-istruttura tad-*Dokument ta' Riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE* tiddeskrivi whud mill-isfidi li l-UE se tħabbat wiċċha magħhom fis-snin li ġejjin, torbot ukoll b'mod ċar soluzzjonijiet baġitarji potenzjali mal-ħames xenarji identifikati mill-Kummissjoni Ewropea fil-*White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa* tagħha.

1.2. Il-KESE jtenni li biex iċ-ċittadini Ewropej jegħlbu l-kriżi politika tal-UE li hija riżultat tan-nuqqas ta' viżjoni strateġika tal-ġejjieni u nuqqas ta' kapaċità li nirrispondu b'mod adatt għall-kriżi ekonomika u finanzjarja, hemm bżonn tal-kunċett ta' aktar Ewropa (u ta' kwalità aħjar) u mhux inqas Ewropa. Qed jikbru d-differenzi bejn it-tħassib u l-aspettattivi taċ-ċittadini Ewropej, li qed jitolbu benefiċċji konkreti għall-ħajja ta' kuljum tagħhom, u l-ftit setgħat u r-riżorsi finanzjarji mogħtija attwalment mill-UE. Il-proġett Ewropew u l-Unjoni nnifisha qed joffru anqas kredibbiltà u qed jixħtu dubji kbar, u b'hekk bħalissa qed naraw każijiet ta' nazzjonaliżmu u populiżmu.

---

[1] Il-pakkett jinkludi l-opinjonijiet tal-KESE dwar Il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2017 (opinjoni addizzjonali) (ara paġna 216 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali), *Unjoni tas-Swieq Kapitali: rieżami ta' nofs it-terminu* (ara paġna 117 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali). *L-approfondiment tal-UEM sal-2025* (ara paġna 124 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali) u *Il-Finanzi tal-UE sal-2025*.

[2] Riżoluzzjoni tal-KESE tas-6 ta' Lulju 2017: *Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u lil hinn* OJ C 345, 13.10.2017, p. 11.

[3] ĠU C 451,16.12.2014, p. 10 u ĠU C 332, 8.10.2015, p. 8.

1.3. Il-KESE jaqbel mal-approċċ li jieħu d-Dokument ta' Riflessjoni skont liema l-prinċipju fundamentali relatat mal-baġit tal-UE għandu jkun l-insegwiment tal-valur miżjud Ewropew, billi jinkisbu riżultati aħjar fir-rigward tal-baġits nazzjonali individwali mhux ikkoordinati. Dan jirrikjedi li noħorġu mil-loġika ta' "qligħ ġust", id-diviżjoni bejn l-Istati Membri kontributuri jew benefiċjarji netti u l-korrezzjonijiet ad hoc għall-Istati Membri individwali.

1.4. Qabelxejn l-UE għandha tidentifika l-prijoritajiet politiċi b'valur miżjud Ewropew għoli u mbagħad tiddefinixxi r-riżorsi meħtieġa sabiex tiksibhom u tistabbilixxi r-riforma tal-baġit komunitarju. F'dan ix-xenarju l-KESE huwa xettiku li l-baġit tal-UE għandu jibqa' anqas minn 1 % tad-dħul u 2 % biss tan-nefqa pubblika tat-28 pajjiż, peress li dan huwa livell li mhuwiex xieraq meta mqabbel mal-isfidi, ix-xokkijiet u l-kriżijiet li l-UE trid tiffaċċja.

1.5. Ir-riforma tal-baġit tal-UE neċessarjament għandha tirrigwarda titjib kwalitattiv, billi tiġi ddeterminata mill-ġdid l-istruttura tiegħu kemm fin-nefqa kapitali kif ukoll fir-riżorsi proprji, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kriterji xierqa ta' razzjonalizzazzjoni, effiċjenza u effettività, u li jkun hemm komunikazzjoni diretta u trasparenti maċ-ċittadini.

1.6. L-aġġustament kwantitattiv u kwalitattiv tal-baġit jitlob konsultazzjoni serja u fil-fond tas-soċjetà ċivili, kif inhi rrappreżentata fl-ambitu tal-KESE, b'tali mod li jiġu riflessi l-ħtiġijiet reali tat-territorji u jiġi żgurat impatt pożittiv għaċ-ċittadini kollha u għall-interess pubbliku.

1.7. Mil-lat tal-ispejjeż, il-KESE jaħseb li dawn il-programmi li ġejjin huma b'valur miżjud Ewropew ta' livell għoli: investimenti fi żmien medju u fit-tul għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali, l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività; il-protezzjoni tar-reġjuni l-iktar żvantaġġati u l-gruppi soċjali l-aktar vulnerabbli; it-tweġiba flessibbli u fil-ħin għax-xokkijiet asimmetriċi u għall-kriżijiet f'daqqa, anke permezz ta' baġit awtonomu taż-żona tal-euro.

1.8. B'mod partikolari, il-KESE jqis rilevanti l-funzjoni tal-istabbilizzazzjoni makroekonomika taż-żona tal-euro, billi l-impatt negattiv fuq il-klassijiet soċjali u s-setturi produttivi "telliefa" fil-globalizzazzjoni u fir-rivoluzzjoni teknoloġika huwa waħda mill-kawżi tal-kriżi strateġika tal-UE u t-tfaċċar tal-populiżmu.

1.9. Mil-lat tad-dħul, il-KESE jaqbel mal-analiżi li saret fir-rapport *Finanzjament futur tal-UE* tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji (HLGOR), sabiex jinkiseb baġit ġdid bi prevalenza ta' riżorsi proprji awtonomi, trasparenti u ġusti, fuq l-istess livell tal-obbligazzjonijiet għaċ-ċittadini l-aktar żvantaġġati u għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju.

1.9.1. Il-KESE jtenni l-fehma favorevoli tiegħu dwar bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK) kif ukoll tranżazzjonijiet finanzjarji, il-karburanti u l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju, li jekk miġbura fil-livell Ewropew, ikunu jistgħu jisfruttaw bażi għat-taxxa transnazzjonali, sabiex jiġu miġġielda l-effetti globali fuq l-ambjent.

1.10. Il-KESE jqis li minn naħa waħda l-konsegwenzi ta' Brexit fuq il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ta' wara l-2020 jistgħu jirrappreżentaw theddida għall-"proġett" tal-UE – wara negozjar li sar mill-Istati Membri abbażi tal-prinċipju tar-"ritorn ġust" – min-naħa l-oħra jistgħu madankollu jirrappreżentaw opportunità importanti, billi, permezz tat-tennija tal-prinċipju tal-"valur miżjud Ewropew" jistgħu jwasslu għal titjib kwalitattiv u kwantitattiv tal-baġit tal-UE.

1.10.1. Għal din ir-raġuni l-KESE jqis li huwa xieraq li malajr kemm jista' jkun:

— il-Kummissjoni Ewropea tikkwantifika l-impatt tal-Brexit – skont diversi xenarji ta' "hard Brexit" jew "soft Brexit" – fuq is-sistema tad-dħul u tal-ispejjeż tal-UE u l-konsegwenzi fuq il-QFP ta' wara l-2020;

— tinbeda diskussjoni trasparenti u pubblika dwar il-QFP ta' wara l-2020 mal-atturi istituzzjonali, ekonomiċi, soċjali kollha, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini tal-UE.

— madankollu, m'għandhomx jitnaqqsu r-riżorsi assenjati għall-politiki ta' koeżjoni u l-għanijiet soċjali.

B'dan il-mod se jkun possibbli li tinħoloq mill-ġdid is-sistema tal-interessi diverġenti u kunflittwali bejn il-partijiet filwaqt li tiġi identifikata soluzzjoni komuni għall-QFP ta' wara l-2020.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1. L-approċċ segwit fid-*Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-finanzi tal-UE* jorbot flimkien is-soluzzjonijiet possibbli f'termini ta' baġit għall-isfidi tal-Unjoni fir-rigward tal-ħames xenarji differenti identifikati mill-Kummissjoni Ewropea fil-*White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa*. Il-KESE kkritika dan l-approċċ fir-Riżoluzzjoni riċenti dwar il-White Paper ([4]), billi ddefinixxa l-ħames xenarji bħala "artifiċjali" peress li huma indirizzati b'mod esklussiv lill-Istati Membri (SM) mingħajr ma għandhom ebda rilevanza diretta għaċ-ċittadini Ewropej, li qed jistennew strateġija komuni u ċara.

2.1.1. Dan ifisser li tintilef okkażjoni importanti, peress li parti sostanzjali mid-dokument, li tirrigwarda l-valur miżjud tal-finanzi Ewropej, l-identifikazzjoni tat-tendenzi u tal-isfidi, l-għażliet differenti għall-futur tal-finanzi tal-UE, hija appoġġjata bis-sħiħ fl-analiżi tiegħu, minkejja d-difetti ta' proposta politika komuni, effiċjenti u effikaċi.

2.2. Matul l-aħħar snin, il-KESE identifika ([5]) l-problemi attwali għall-ekonomija u s-soċjetà Ewropea, il-prinċipji bażi li għandhom jiġu rrispettati, it-toroq li għandhom jiġu segwiti sabiex terġa' tingħata spinta lill-azzjoni tal-istituzzjonijiet komunitarji u biex din issir aktar effikaċi. Il-KESE tenna f'diversi okkażjonijiet li ċ-ċittadini Ewropej jeħtieġu aktar Ewropa (u ta' kwalità aħjar) u mhux inqas Ewropa ([6]), għall-fatt li l-kriżi politika tal-UE hija riżultat tan-nuqqas ta' viżjoni strateġika tal-ġejjieni u nuqqas ta' kapaċità li nirrispondu b'mod adatt għall-kriżi ekonomika u finanzjarja.

2.3. Fl-2016, fir-rigward tar-Reviżjoni ta' Nofs it-Terminu tal-QFP 2014-2020 ([7]), il-KESE ddikjara li għandhom jiġu rikonoxxuti l-isforzi li saru mill-Kummissjoni, u speċjalment il-forom ta' flessibbiltà introdotti sabiex jiġu indirizzati l-kriżijiet mhux mistennija, kif ukoll l-approċċ orjentat lejn ir-riżultati u lejn il-prestazzjoni. Madankollu l-proposti konkreti u r-riżorsi allokati kienu diġà jidhru dak iż-żmien li mhumiex biżżejjed sabiex jiġu indirizzati l-isfidi u l-prijoritajiet tal-UE, peress li l-QFP huwa r-riżultat ta' kompromess ftit li xejn ambizzjuż bejn l-Istati Membri kkonċernati mill-"bilanċ nett" tagħhom u mill-benefiċċji għal gruppi speċifiċi ta' interess, pjuttost milli huwa l-għodda għall-insegwiment tal-interessi tal-UE kollha kemm hi.

2.4. F'dan il-kuntest l-approċċ li jittieħed fid-Dokument ta' Riflessjoni huwa aċċettabbli għaliex skontu "l-essenza ta' baġit tal-UE mmodernizzat" tinkludi "(i)l-valur miżjud li jirriżulta mill-ġbir flimkien tar-riżorsi u l-għoti ta' riżultati li l-infiq nazzjonali mhux koordinat ma jistax jilħaqhom" ([8]).

2.5. Sabiex ikollna aktar Ewropa u ta' kwalità aħjar, qabelxejn għandna nidentifikaw il-prijoritajiet politiċi b'valur miżjud Ewropew għoli, u wara niddefinixxu r-riżorsi meħtieġa sabiex niksbuhom, fuq liema nistabbilixxu r-riforma tal-baġit tal-UE. F'dan l-isfond ma jkunx aktar kredibbli li f'dak li għandu x'jaqsam mal-baġit tagħha l-Unjoni talloka anqas minn 1 % tad-dħul u 2 % biss tan-nefqa pubblika tat-28 pajjiż, b'dinamika li, barra minn hekk, hija f'rigressjoni kontinwa ([9]). Dan il-livell jidher li huwa kompletament inadegwat meta mqabbel mal-isfidi l-ġodda li l-UE trid tiffaċċja, u meta mqabbel max-xokkijiet u l-kriżijiet li hi għandha twieġeb għalihom.

2.5.1. Iż-żieda kwantitattiva fil-baġit tal-Unjoni għandha tkun akkumpanjata minn titjib kwalitattiv sinifikanti b'valutazzjoni mill-ġdid tal-istruttura tagħha, kemm fejn tidħol in-nefqa kapitali kif ukoll ir-riżorsi proprji. Għal dan l-għan huwa meħtieġ li wieħed iqis il-kriterji xierqa ta' razzjonalizzazzjoni, effiċjenza u effettività tal-baġit, u li jiġu implimentati tipi ta' komunikazzjoni diretti u trasparenti maċ-ċittadini.

2.5.2. It-titjib kwantitattiv u kwalitattiv tal-baġit tal-UE għandu jgħaddi anke minn konsultazzjoni serja u fil-fond tas-soċjetà ċivili, kif inhi rrappreżentata fl-ambitu tal-KESE, sabiex jiġi garantit li l-kategoriji ta' nfiq jirriflettu b'mod effettiv il-ħtiġijiet reali tat-territorji u jkun hemm impatt pożittiv fuq il-benesseri taċ-ċittadini, fl-interess pubbliku.

---

([4]) Ir-Riżoluzzjoni tal-KESE tas-6 ta' Lulju 2017: *Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u lil hinn*: "Il-KESE ma jemminx li għażla bejn xenarji huwa metodu ta' suċċess għall-promozzjoni ta' sens ta' għan komuni jew sabiex tiġi definita t-triq għall-ġejjieni". OJ C 345, 13.10.2017, p. 11.

([5]) ĠU C 248, 25.8.2011, p. 75, ĠU C 229, 31.7.2012, p. 32, ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10 *u* ĠU C 487, 28.12.2016, p. 62.

([6]) "… billi tmexxi l-labra fuq il-kejl tas-sussidjarjetà lejn aktar Ewropa u Ewropa aħjar …", ĠU C 351, 15.11.2012, p. 36.

([7]) ĠU L 75, 10.3.2017, p. 63, punt 1.1.

([8]) COM(2017) 358 final, p. 6.

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (2014/335/UE, Euratom) stabbiliet il-limitu massimu tal-baġit għal 1,2 % tad-dħul nazzjonali gross (DNG), iżda r-raġunament indikat f'din l-opinjoni (jiġifieri li l-ewwel għandhom jiġu identifikati l-prijoritajiet politiċi u mbagħad jiġu definiti r-riżorsi meħtieġa sabiex jinkisbu) jimplika li l-baġit tal-UE m'għandux ikun limitat għal limitu massimu stabbilit minn qabel.

2.6. Mhux b'kumbinazzjoni li, bl-isfidi l-ġodda li qed jinqalgħu, u li huma marbuta mat-tibdil fix-xenarji ġeopolitiċi u mal-aġġustament meħtieġ għall-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, l-UE qed turi l-inadegwatezza totali tal-baġit tagħha, u qed tidħol fi kriżi li fil-bidu hija ekonomika u finanzjarja, sabiex imbagħad issir soċjali u fl-aħħar politika.

2.6.1. Din hija kriżi politika li tirriżulta mid-differenzi bejn it-tħassib dejjem jikber u l-aspettattivi li jirriżultaw fir-rigward tal-Unjoni, min-naħa taċ-ċittadini Ewropej li jitolbu benefiċċji konkreti għall-ħajja ta' kuljum tagħhom, u s-setgħat u r-riżorsi finanzjarji attwali attribwiti għall-Unjoni nnifisha. Huwa f'dawn id-differenzi li tibda t-tbatija dejjem tikber u l-każijiet ta' nazzjonaliżmu u populiżmu, li jixħtu f'dubju l-proġett Ewropew u l-Unjoni nnifisha.

2.7. Id-diskussjoni dwar il-futur tal-UE fil-fatt qed issir f'fażi storika fejn l-inkwiet u l-inċertezzi ta' natura ekonomika, soċjali, politika u istituzzjonali fost iċ-ċittadini Ewropej huma ħafna ([10]). L-ewwel nett, il-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja u ekonomika li għadhom b'saħħithom, speċjalment fl-Istati Membri li ntlaqtu l-aktar jiġifieri f'xi żoni ġeografiċi u, b'mod partikolari, fir-rigward ta' dawk bi dħul medju u baxx. It-tieni, bħala riżultat, ix-xettiżmu mifrux tal-Istati Membri u tal-UE dwar il-kapaċità tal-politika, sabiex iżommu l-benesseri ekonomiku u l-koeżjoni soċjali fl-era tal-globalizzazzjoni u tal-kompetizzjoni internazzjonali ([11]). It-tielet, l-influss dejjem jikber tal-migranti u r-rifuġjati li qed jaħarbu mill-gwerer u l-faqar fl-Afrika u l-Lvant Nofsani. Ir-raba', aktar reċentement, il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, li joħroġ fil-beraħ kif l-Unjoni mhijiex għażla ċerta u irreversibbli, u li tista' tinfirex fost Stati Membri oħra.

## 3. **Kummenti speċifiċi**

3.1. Mil-lat tal-infiq, l-element prinċipali huwa rappreżentat mill-prinċipju tal-valur miżjud Ewropew, li jista' jidher paradossali fi żmien storiku meta – minn naħa – qed jiżdiedu l-ilħna li jappellaw biex jingħata aktar spazju lill-gvernijiet nazzjonali, sal-każ estrem ta' ħruġ mill-UE, filwaqt li – min-naħa l-oħra – issa ma tantx tista' tiġi difiża l-loġika ta' "qligħ ġust", id-diviżjoni bejn l-Istati Membri kontributuri jew benefiċjarji netti u l-korrezzjonijiet *ad hoc* imposti fuq l-Istati Membri individwali.

3.1.1. Madankollu, il-Kummissjoni għamlet sew li tenniet dan il-prinċipju, għaliex kunsens politiku wiesa' bħala appoġġ tal-azzjoni tal-UE jista' jippermetti li jkun hemm enfasi fuq il-baġit tal-UE dwar il-kisba ta' benefiċċji reali fil-livell komunitarju għaċ-ċittadini Ewropej u li l-Istati Membri individwali ma jkunux jistgħu jiksbu waħedhom.

3.1.2. Għal din ir-raġuni, il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-prinċipju tal-valur miżjud Ewropew għandu jkun fiċ-ċentru tad-dibattitu dwar il-futur tal-finanzi Ewropej, u għandu jinkludi ([12]):

— il-kisba tal-għanijiet stabbiliti mill-prinċipji bażiċi tal-ordni legali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 3 tat-Trattatdwar l-UE, li l-għan tiegħu huwa li jiżgura kundizzjonijiet ta' ħajja dinjituża għaċ-ċittadini favur il-benesseri tagħhom ([13]);

— fid-definizzjoni ta' baġit li tipprevedi l-formazzjoni ta' beni pubbliċi Ewropej, li jistgħu jikkontribwixxu għad-difiża tal-libertajiet fundamentali Ewropej, is-suq uniku, l-unjoni ekonomika u monetarja ([14]).

3.1.3. Huwa f'dan il-kuntest li huwa fundamentali li jitħares bis-sħiħ l-Artikolu 311 tat-TFUE, li fih jingħad li "… l-Unjoni trid tipprovdi lilha nnifisha l-mezzi meħtieġa biex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-politika tagħha".

3.2. Fid-Dokument ta' Riflessjoni evidenza wiesgħa turi li s-soluzzjoni għall-isfidi u l-kriżijiet ta' natura globali għandha neċessarjament issib tweġiba ta' natura Ewropea, filwaqt li tiffoka b'mod xieraq fuq ir-riżorsi tal-baġit tal-UE, u tisfrutta s-sinerġiji mal-baġits nazzjonali u favur dawk il-programmi b'valur miżjud Ewropew għoli, li jistgħu:

— jerġgħu jqajmu l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali, l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività permezz ta' investimenti fuq perjodu medju jew twil, biex jiġu indirizzati l-produttività u l-investimenti staġnati, it-tixjiħ demografiku u t-tibdil fil-klima;

([10]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 63, punt 2.3.
([11]) Terz biss taċ-ċittadini Ewropej jafdaw l-UE u l-istituzzjonijiet tagħha. Kummissjoni Ewropea, *Public Opinion in the European Union – Standard Eurobarometer 85* (Opinjoni Pubblika fl-Unjoni Ewropea – Ewrobarometru Standard 85), Mejju 2016,
([12]) COM(2017) 358 final, p. 9.
([13]) "Il-mira tal-Unjoni hija li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benessri tal-popli tagħha…"
([14]) "L-Unjoni għandha tistabbilixxi suq intern. Hija għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' mpjieg u progress soċjali …" (Artikolu 3.3 TUE).

— jipproteġu l-aktar reġjuni żvantaġġati u l-gruppi soċjali l-aktar vulnerabbli, kemm mill-kriżi ekonomika persistenti kif ukoll mill-effetti negattivi tal-globalizzazzjoni ([15]).

— iwieġbu b'mod flessibbli u fil-ħin, kemm għad-dħul kif ukoll għall-ħruġ, għax-xokkijiet asimmetriċi li jolqtu wħud mill-Istati Membri, għall-kriżi migratorja u tar-rifuġjati, għat-tħassib b'rabta mas-sigurtà interna, għall-emerġenzi esterni u għad-difiża komuni.

3.3. Fost l-elementi b'valur miżjud Ewropew għoli, il-miżuri li diġà ġew identifikati mill-KESE dwar il-QFP jintegraw ruħhom mal-aspetti previsti fir-Riżoluzzjoni tal-KESE nnifsu dwar il-White Paper ([16]):

— politika industrijali Ewropea kkoordinata sabiex iżżid l-impjiegi u tistimola l-kompetittività f'ekonomija soċjali tas-suq, filwaqt li tiffaċilita d-djalogu bejn il-partijiet interessati kollha, l-investimenti u l-appoġġ għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);

— il-konverġenza soċjali 'l fuq f'parallel mal-konverġenza ekonomika, f'termini ta' impjieg u eżiti soċjali, permezz tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet u l-estensjoni tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE);

— politika migratorja li tiżgura l-protezzjoni prevista mid-dritt internazzjonali għar-rifuġjati u l-integrazzjoni tagħhom fl-UE, sistema komuni ta' asil, il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u kontra t-traffikar tal-bnedmin, il-promozzjoni ta' toroq ta' aċċess legali;

— il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima abbażi tal-Ftehim ta' Pariġi u t-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li tiġi integrata l-promozzjoni tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli fil-politiki kollha tal-UE;

— ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), b'mod li jintlaħqu l-għanijiet tal-kwalità tal-ambjent, tal-iżvilupp rurali, tas-sikurezza tal-ikel, tal-appoġġ għad-dħul tal-bdiewa;

— ir-riforma tal-politika ta' koeżjoni, b'identifikazzjoni ċara tar-riżultati, il-verifika sistematika tagħhom matul l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatti ex-post, filwaqt li tingħata preferenza lit-trasparenza u tiġi promossa l-mobilizzazzjoni tas-sħubija;

— il-finanzjament tal-investimenti l-kbar fl-infrastrutturi, in-netwerks trans-Ewropej, ir-riċerka u l-innovazzjoni, li jibdew mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u mill-Orizzont 2020;

— baġit awtonomu taż-żona tal-euro li hu kapaċi jittrasferixxi riżorsi fuq bażi temporanja iżda sinifikanti f'każ ta' xokk reġjonali, il-ġlieda kontra riċessjonijiet severi fiż-żona kollha u l-iżgurar tal-istabbiltà finanzjarja meħtieġa ([17]), b'funzjoni ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika, sabiex jiġu protetti l-investimenti u l-ġlieda kontra l-qgħad u l-prekarjat.

3.3.1. Il-funzjoni ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika tidher partikolarment rilevanti, billi fost il-kawżi tal-kriżi strateġika tal-UE u l-ħolqien tal-populiżmu hemm l-impatti negattivi fuq il-klassijiet soċjali u s-setturi produttivi "telliefa" fil-globalizzazzjoni u fit-trasformazzjonijiet tat-teknoloġija u l-informatika. Jekk, minn naħa, l-Istati Membri għandhom ftit kapaċità li jiċċaqalqu b'mod awtonomu u li jinfluwenzaw is-suq tax-xogħol u s-sistema ta' protezzjoni soċjali, min-naħa l-oħra għadhom ma nħolqux in-netwerks ta' protezzjoni soċjali fil-livell Ewropew u li jippermettu liċ-ċittadini kollha jibbenefikaw mit-tkabbir u mill-kompetizzjoni globali ([18]).

3.4. Għalhekk il-baġit tal-UE għandu jaħdem sabiex jipprovdi l-mezzi meħtieġa għall-kisba tal-prijoritajiet strateġiċi, filwaqt li jintużaw kriterji xierqa ta' razzjonalizzazzjoni, effiċjenza u effikaċja fl-istruttura tiegħu u fil-mod li jiġi vvalutat u aġġornat ([19]):

— l-adozzjoni ta' orjentazzjoni aktar b'saħħitha tal-prestazzjonijiet u r-riżultati;

([15]) COM(2017) 240 final; Growing unequal? Income distribution and poverty in OECD countries, OECD, 2008; Divided we stand: why inequality keeps rising, OECD, 2011; In it together. Why less inequality benefits all, *OECD, 2015*.
([16]) Ir-Riżoluzzjoni tal-KESE tas-6 ta' Lulju 2017 *Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Futur tal-Ewropa u lil hinn*, punt 13.OJ C 345, 13.10.2017, p. 11.
([17]) ĠU C 177, 18.05.2016, p.41, punt 3.5.
([18]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 63, punt 4. P. De Grauwe, What Future for the EU After Brexit?, CEPS, Ottubru 2016.
([19]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 63.

— evalwazzjoni tal-kwalità tal-qafas regolatorju għall-allokazzjoni tal-infiq tal-baġit tal-UE;

— l-analiżi tal-evoluzzjoni tal-infiq bħala proċess kontinwu fuq żmien medju li fih kull eżerċizzju jfassal trajettorja tal-iżvilupp meħtieġ għall-kisba tar-riżultati relatati;

— il-ħtieġa li tiġi kkunsidrata r-rabta stretta ħafna li teżisti bejn il-baġit tal-UE, il-governanza tal-politika ekonomika u d-dinamika attwali tal-ekonomija Ewropea;

— il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kontinwità tal-politika baġitarja tal-UE u li jiġu implimentati u evalwati l-objettivi tagħha.

3.4.1. B'mod partikolari, ir-regola ta' baġit bilanċjat għandha tkun akkumpanjata minn indikaturi oħra li jkejlu l-prestazzjoni tan-nefqa u r-riżultati dwar il-benesseri taċ-ċittadini, u li dawn għandhom jiġi definiti fis-Semestru Ewropew, b'modi u forom xierqa skont il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali.

3.5. Barra minn hekk, il-galassja ta' riżorsi disponibbli fil-livell komunitarju issa hija aktar kumplessa u anqas trasparenti. Minbarra l-għotjiet u s-sussidji tradizzjonali, din fiha wkoll għodod finanzjarji sabiex jiġu attivati riżorsi privati permezz tal-effett ta' ingranaġġ, permezz tal-FEISu l-Fondi Strutturali, u diversi għodod bħall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) magħmula mill-pajjiżi taż-żona tal-euro, iżda barra mill-UE, bl-għan li jkun hemm stabbilizzazzjoni finanzjarja ([20]).

3.6. Mil-lat tad-dħul, il-KESE jaqbel mal-analiżi li saret fir-rapportFinanzjament futur tal-UE tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-riżorsi proprji (HLGOR) ippresedut minn Mario Monti ([21]). Huwa partikolarment importanti li jintlaħaq ftehim dwar baġit ġdid bi prevalenza ta' riżorsi proprji li huma awtonomi, trasparenti u ugwali. Dawn kieku jmorru direttament fil-baġit tal-UE mingħajr ma jgħaddu għand l-Istati Membri, iżda mingħajr ma tiżdied il-pressjoni fiskali u tiggrava aktar minn qatt qabel is-sitwazzjoni għaċ-ċittadini l-aktar żvantaġġati u għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju.

3.6.1. B'mod partikolari, uħud mir-riżorsi ġodda proposti f'dan ir-rapport għandu jkollhom valur miżjud Ewropew mil-lat tad-dħul, billi jinġabru fil-livell l-iżjed adatt, kemm biex jiġu interċettati l-bażijiet taxxabbli transnazzjonali, kif ukoll sabiex jiġu miġġielda l-effetti globali fuq l-ambjent: il-bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK) ([22]), u b'mod partikolari l-kumpaniji multinazzjonali, it-tranżazzjonijiet finanzjarji, il-karburanti u l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju.

3.6.2. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest il-KESE jtenni l-importanza tal-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa anke permezz ta' trasparenza akbar ([23]), u kontra kull forma ta' kompetizzjoni fiskali inġusta bejn l-Istati Membri.

3.7. Brexit se jġib miegħu konsegwenzi inevitabbli għall-istabbiliment tal-baġit tal-UE wara l-2020. Lil hinn mill-kwantifikazzjoni tiegħu, li għadha ma ġietx uffiċjalment stabbilita minn ebda istituzzjoni tal-UE ([24]), il-konsegwenzi possibbli alternattivi sabiex jiġi kkumpensat id-defiċit tal-baġit, li huwa riżultat ta' Brexit, jistgħu jiġu rrappreżentati mit-tliet għażliet li ġejjin: i) żieda fil-kontributi nazzjonali min-naħa tal-Istati Membri tal-UE; ii) tnaqqis fl-ispejjeż tal-UE; iii) kombinazzjoni taż-żewġ alternattivi preċedenti. Huwa f'dan il-kuntest li Brexit jirrappreżenta, fl-istess waqt, theddida u opportunità għall-baġit tal-UE.

([20]) Future financing of the EU. Final report and recommendations of the High Level Group on Own Resources, Diċembru 2016, p. 82-84.

([21]) Future financing of the EU. Final report and recommendations of the High Level Group on Own Resources, Diċembru 2016.

([22]) Dan kien milqugħ sa mill-2011 mill-KESE fl-opinjoni tiegħu dwar *Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva,* ĠU C 24, 28.1.2012, p. 63 u l-opinjoni tal-KESE tal-2017 dwar *Bażi Komuni Konsolidata ta' Taxxa Korporattiva*. Għadhom ma ġewx ippubblikati.

([23]) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 62.

([24]) L-istima tal-kontribuzzjoni netta medja annwali tar-Renju Unit għall-baġit tal-UE, li saret minn xi istituti ta' riċerka, għandha firxa ta' bejn EUR 8 biljun (Istitut għall-Istudji Fiskali; Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej) u EUR 10 biljun (J.Delors Institute Berlin – Bertelsman Stiftung) u EUR 20-27 biljun (Ċentru ta' Politika Ewropea). Ara Institute for Fiscal Studies, 2016, The Budget of the EU: a guide. IFS Briefing Note BN 181. Browne, J., Johnson, P., Phillips, D.; CEPS, 2016, The impact of Brexit on the EU Budget: A non-catastrophic event (L-Impatt ta' Brexit fuq il-Baġit tal-UE: Avveniment mhux katastrofiku). J.Nunez Ferrer; D. Rinaldi, Policy Brief 347; J.Delors Institute Berlin – Bertelmans Stiftung, 2017, *Brexit and the EU Budget: Threat or Opportunity?* J. Haas- E. Rubio; EPC, 2017, *EU Budget post-Brexit – Confronting reality, exploring viable solutions*. E. Chonicz. Discussion Paper.

3.7.1. Dan jirrappreżenta theddida għaliex jekk in-negozjar li jmiss tal-QFP wara l-2020 ikun iddominat mill-prinċipju tar-"ritorn ġust", dan iżid id-diviżjonijiet attwali bejn l-Istati Membri kontribwenti u benefiċjarji netti, filwaqt li jbiegħed il-prinċipju tal-"valur miżjud Ewropew" u b'hekk jiggrava s-sitwazzjoni ta' inċertezza li qed tolqot il-proġett tal-UE.

3.7.2. Fl-istess waqt, Brexit jirrappreżenta opportunità importanti sabiex jiġi ffurmat mill-ġdid il-baġit tal-UE, filwaqt li jittejjeb mil-lat kwantitattiv u kwalitattiv, billi ssir reviżjoni sostanzjali tal-mekkaniżmi ta' nefqa tiegħu u, filwaqt li tintlaqa' l-proposta tar-Rapport Monti li tiġi implimentata sistema importanti tar-riżorsi proprji għall-Unjoni. Permezz ta' dan, se jkun possibbli li jiġi deskritt baġit tal-UE eżemplari, effiċjenti, effikaċi u trasparenti, li jkun kapaċi jikseb il-kredibbiltà f'għajnejn iċ-ċittadini Ewropej u juri biċ-ċar il-vantaġġi tal-Ewropa kif ukoll l-ispejjeż marbuta man-non-Ewropa.

3.7.3. Għal din ir-raġuni huwa xieraq li:

(a) min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea u abbażi ta' diversi xenarji ta' Brexit "hard" jew Brexit "soft" – kemm jista' jkun malajr għandu jiġi kkwantifikat l-impatt ta' Brexit fuq id-dħul u l-ħruġ tal-baġit komunitarju, li suppost diġà kellu jiġi indikat fid-Dokument ta' Riflessjoni, anke fid-dawl tal-proposta tal-QFP wara l-2020;

(b) tinbeda diskussjoni serja, trasparenti u pubblika dwar il-baġit tal-UE mal-atturi istituzzjonali, politiċi, soċjali, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini Ewropej kollha;

(c) madankollu, m'għandhomx jitnaqqsu r-riżorsi assenjati għall-politiki ta' koeżjoni u l-għanijiet soċjali, billi huma strumenti essenzjali għall-iżvilupp tal-UE.

B'dan il-mod, meta jiġi stabbilit il-baġit tal-UE, f'każ ta' interessi diverġenti u kunflittwali, se jkun possibbli li jiġi identifikat b'mod trasparenti u permezz ta' proċess demokratiku dawk l-għażliet li jistgħu jirrikonċiljaw dawk l-istess interessi, li jwasslu għal soluzzjonijiet kondiviżi b'mod wiesa' bejn il-partijiet.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

*Appendiċi*

**għall-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti.

**Punt 1.9.1.**

Ħassar il-punt:

> *~~Il-KESE jtenni l-fehma favorevoli tiegħu dwar bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK) kif ukoll tranżazzjonijiet finanzjarji, il-karburanti u l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju, li jekk miġbura fil-livell Ewropew, ikunu jistgħu jisfruttaw bażi għat-taxxa transnazzjonali, sabiex jiġu miġġielda l-effetti globali fuq l-ambjent.~~*

**Raġuni**

Din it-taqsima hija relatata ma' riżorsi proprji possibbli tal-UE. Ir-referenza għal taxxa korporattiva hija irrilevanti f'dan il-kuntest, peress li taqa' fi ħdan il-kompetenza tal-Istati Membri, mhux tal-UE. Fir-rigward tat-tassazzjoni tal-karburanti u l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju, għadu kmieni wisq biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni hawnhekk. Għad ma kien hemm l-ebda diskussjoni fil-Kumitat dwar il-possibbiltà ta' bażi tat-taxxa Ewropea komuni għal karburanti u l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju.

L-emenda ġiet ivvotata u rrifjutata bi 76 vot favur, 62 vot kontra u 16-il astensjoni.

**Punt 3.6.1.**

Ibdel it-test kif ġej:

> *B'mod partikolari, uħud mir-riżorsi ġodda proposti f'dan ir-rapport għandu jkollhom valur miżjud Ewropew mil-lat tad-dħul, billi jinġabru fil-livell l-iżjed adatt, kemm biex jiġu interċettati l-bażijiet taxxabbli transnazzjonali, kif ukoll sabiex jiġu miġġielda l-effetti globali fuq l-ambjent~~: il-bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK), u b'mod partikolari l-kumpaniji multinazzjonali, it-tranżazzjonijiet finanzjarji, il-karburanti u l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju~~.*

**Raġuni**

Sabiex jiġi evitat kull nuqqas ta' ftehim, għandna nżommu ma' affermazzjonijiet ġenerali. Għad ma kienx hemm diskussjonijiet fil-Kumitat kemm dwar it-tassazzjoni tal-korporazzjonijiet multinazzjonali bħala sors ta' riżorsi proprji, kif ukoll fir-rigward ta' bażi tat-taxxa Ewropea komuni għal, u t-tassazzjoni ta', il-karburanti u l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju.

L-emenda ġiet ivvotata u rrifjutata bi 76 vot favur, 62 vot kontra u 16-il astensjoni.